MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 602/2010

**Il-Pulizija
[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Haroun k/a Aaron Haroun**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Haroun k/a Aaron Haroun detentur tal-karta tal-identita` numru 177895(M).

Akkuzat talli f'Gunju 2010, u fis-snin precedenti f'dawn il-Gzejjer:
B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda; b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu diversi persuni u socjetajiet fosthom Rudolph Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 16673(M) u l-Untours Travel Limited, ai termini tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikoli inidikati, u cioe` l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat, fejn ikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u l-Kunsens tal-Avukat Generali.

Fuq ammissjoni qed issib lill-imputat Haroun k/a Aaron Haroun hati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin. Inoltre tordna wkoll illi l-imputat ihallas l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) lil Untours Travel Ltd u s-somma ta' elf seba' mija u zewg Ewro (€1,702) lil Rudolph Cassar u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------